MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 46/2011

**John Attard**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru**
**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ John Attard ipprezentat fl- 14 ta’ Lulju, 2011 liema rikors jaqra hekk:

“Illi huwa ghadda guri akkuzat:-

1. talli fl- 10 t’Awwissu 2001 kkommetta omicidju volontarju u

2. talli kellu fuqu sikkina minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi huwa nstab hati tad-delitti indikati fit-28 ta' Novembru 2010 u l-Qorti Kriminali kkundannatu l-piena ta' ghomor il-habs.

Illi huwa interpona appell quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali liema appell ghadu pendenti.

Illi pero' l-esponent ghandu aggravji ta' indoli kostituzzjonali li jhoss li ghandu jressaq f'dan l-istadju.

Illi in effetti, ir-rikorrent ihoss li huwa ma kellux smiegh xieraq fit-termini ta' l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghas-segwenti ragunijiet.

Illi prodotti bhala provi principali waqt il-guri kien hemm id-depozizzjonijiet inkriminanti tieghu.

Illi meta huwa ghamel dawn l-istatements, huwa ma nghatax il-jedd li jikkomunika ma' avukat.

Illi llum huwa palezi li b'dan il-mod gie lez lilu d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tieghu u li ghalhekk dawn l-istatements ma messhomx intwerew lill-gurati[1].

Illi inoltre kemm il-Kostituzzjoni taghna kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jippredisponu li biex ikollok smiegh xieraq l- akkuzat irid ikollu d-dritt li jisma' x-xhieda *viva voce* quddiemu biex ikun jista' jikkontrolla lill-istess.

Illi f'dawn il-proceduri ix-xhieda principali kienet ta' certu Joseph sive Guzeppi Farrugia li kien ko-akkuzat f'dawn il-proceduri.

---

[1]Il-Pulizija – vs - Esron Pullicino Appell Civili numru 63/2009/1 deciza fit-12 t'April 2011; Il-Pulizija – vs – Mark Lombardi Appell Civili numru 34/2009/1 deciza 12 t'April 2011; Il-Pulizija – vs – Alvin Privitera Appell Civili numru 20/2009/1 deciza 11 t'April 2011.

Illi dan kien irrilaxxa stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat inkwerenti fil-5 ta' Settembru 2002.

Illi l-imsemmi Guzeppi Farrugia miet fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalkemm kien erroneu ghall-imhallef li ppresjeda l-guri li awtorizza l-qari ta' din id-depozizzjoni lill-gurati, essendo li dan kien ko-akkuzat, l-esponent mhux se jqajjem dan l-aggravju f'din l-istanza peress li dan il-punt jikkostitwixxi il-mertu ta' l-appell tieghu.

Illi f'din il-kawza pero' huwa ser ikun qed jissolleva aggravju in konnessjoni ma' din id-depozizzjoni din id-darba ta' natura Kostituzzjonali.

Illi l-awtorizzazzjoni ghall-qari tad-depozizzjoni *de quo* presumibbilment, inghatat fit-termini ta' l-artiklu 646(2) (il-proviso) u l-artiklu 550(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-ewwelnett jinghad li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi jidhru kontradittorji u allura timmanifesta ruhha mankanza ta' certezza fil-ligi.

Illi fl-artiklu 550(1) tal-Kap 9, naraw is-segwenti:-

*"Il-proces verbal maghmul regolarment jista' jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza u xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access ma jistghux jingiebu biex jaghtu xiehda fl-inkjesta quddiem il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja".*

Illi minn dawn jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma kienetx tenuta kont li ttella' lil dawn ix-xhieda li jkunu xehdu waqt l-inkjesta ghad li mbaghad fl-artiklu 550(2) naraw li d-difiza kellha l-fakolta' ttella' lill-istess ghall-kontro-ezami.

Illi madankollu f'dan il-kaz id-difiza ma setghetx legalment ittella' lil Guzeppi Farrugia ghall-kontro-ezami minhabba (1) li dan kien ko-akkuzat u (2) li dan kellu kawza pendenti quddiem il-Qorti.

Illi mbaghad fl-artiklu 646(2) insibu:-

*"Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkuzat, kemm-il darba tkun ittiehdet bil-gurament matul il-kumpilazzjoni, skond il-ligi, tista' tingieb bhala prova; basta li x-xhud jingieb ukoll fil-Qorti biex jigi ezaminat viva voce provdut fis-subartiklu 1 hlief jekk ix-xhud ikun mejjet......".*

Illi hawn naraw li kuntrarjament ghal dak li jipprovdi l-artiklu 550 il-prosekuzzjoni trid tressaq ix-xhieda li jkunu ddeponew fl-inkjesta ghall-kontro ezami.

Illi f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni durante l-kumpilazzjoni ma setghetx taghmel dan ghax ix-xhud Guzeppe Farrugia kien ko-akkuzat u ghax kien ghad ghandu proceduri pendenti.

Illi minhabba fil-premess, ix-xhieda principali prodotta kontra r-rikorrenti cioe dik ta' Guzeppi Farrugia, ittiehdet minn wara dar l-istess rikorrenti minghajr ma dan kellu l-opportunita' jikkontrolla lill-istess u dan bi ksur lampanti ta' l-artiklu precitat tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent instab hati fuq il-provi li kien inammissibbli minhabba f'indoli ta' natura kostituzzjonali.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li huwa ma kellux smiegh xieraq minhabba fir-ragunijiet fuq imsemmija senjatament il-produzzjoni ta' stqarrijiet tieghu mehuda illegalment u l-produzzjoni tad-depozizzjoni mehuda minn wara daru.

2. Thassar u tannulla l-process gudizzjarju kollu li huwa ghadda quddiem il-Qorti Kriminali inkluz il-verdett tal-gurija u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn huwa gie kkundannat ghal ghomru l-habs.

3. Okkorendo jidhrilha opportun tiddikjara l-artiklu 550(1) u l-proviso ta' l-artiklu 646(2) bhala *ultra vires* l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

4. Taghti dawk il-provedimenti u ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex jigu sanciti u salvagwardati d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrent."

Rat it-twegiba tal-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali li rrisponda illi:

Illi preliminarjament, l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini ta' l-Artikolu 181 B tal-Kap 12 u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi in linea preliminari ukoll, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur fic-cirkostanzi odjerni, ghandhom jigu michuda peress li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(1) "Illi l-lanjanzi tar-rikorrent huma impernijati fuq il-fatt illi fl-istadju bikri ta' l-investigazzjoni u cioe fil-mument meta ittiehdet l-istqarrija ta' l-imputat, l-istess imputat ma kienx assistit minn avukat u fuq il-fatt li l-istqarrija tad-decedut Guzeppi Farrugia li kienet giet guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti ingibet bhala prova tal-Prosekuzzjoni u kienet effettivament tifforma parti mill-*proces verbal* tal-kaz odjern.

L-esponenti jissottomettu li jirrizulta li l-istqarrija li minna qed jillanja l-imputat, giet rilaxxata lill-Pulizija fis- 7 ta' Settembru 2002. Din giet registrata u pprezentata fil-forma ta' *cassette tapes* u traskrizzjonijiet tal-kontenut tal-*casette tapes*. Dawn it-traskrizzjonijiet kif ukoll il-*casette tapes* gew ikkonfermati mill-akkuzat stess quddiem il-Magistrat Inkwirenti u r-rikorrent kien fil-fatt inghata kopja taghhom fejn kien iffirmahom ai fini ta' awtenticita tal-istess. Effettivament, ir-rikorrent fl-ebda stajdu ma llanja

minhabba l-fatt li ma kellux avukat jassistieh fil-kors tal-interrogazzjoni. Dan jidher b'mod car kif ikkonfermat ukoll mix- xhieda tal-Prosekuzzjoni li kienu prezenti waqt it-tehid ta' din l-istqarrija, apparti l-fatt li kien jista' wkoll jinqara ( u jinstema) li l-akkuzat inghata d-debita twissija skond il-ligi u fehma tajjeb hafna. Illi issa biss li l-proceduri Kriminali fil-konfront tieghu huma pendenti quddiem l-appell li qed iqajjem din il-lanjanza;

(2) Illi minn imkien ma gie allegat u minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent gie b'xi mod imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Illi jirrizulta car mit-*transcripts* ta' l-interrogatorju li huwa nghata t-twissija skond il-ligi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien se jghid seta jingieb bi prova kontrih. L-esponenti jissottomettu ukoll li minkejja illi nghatat dina t-twissija, ir-rikorrenti volontarjament u liberament ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu u ghazel li jwiegeb certu domandi mentri ohrajn ghazel li ma jwiegebx ghalihom. Jirrizulta wkoll mit-*transcripts* ta' l-interrogatroju li r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom;

(3) Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti li d-dritt li suspettat ikun assistit minn avukat waqt il-hinijiet li ttiehdietlu l-istqarrija m'huwiex konsegwenza awtomatika ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, aktar u aktar meta kien hemm provi inkriminanti ohra a sodisfazzjoni ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali li kkorraboraw it-tezi tal-Prosekuzzjoni u l-htija ta' l-imputat. Fil-fatt il-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-proceduri Kriminali li kkoraboraw l-fatti kif dikjarati fl-istqarrija in kwistjoni, kienu jikkonsistu fix-xhieda tal-ko-akkuzat Benny Attard li r-rikorrent konvenjentement naqas milli jsemmi; fl-istqarrija guramentata quddiem Magistrat Inkwerenti ta' Guzeppi Farrugia li giet ipprezentata validament quddiem il-Qorti fil-kors tal-proceduri u fil-provi tal-ufficjali tal-Pulizija li xehdu dwar l-involviment taghhom fl-investigazzjonijiet. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent ma tistax tittiehed wahedha u barra mill-kuntest tal-proceduri kollha fit-totalita taghhom u sabiex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal

smiegh xieraq f'dan il-kaz partikolari, hu mehtieg li jsir apprezzament tal-process kriminali tar-rikorrent fl-interezza tieghu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proceduri li jiffoka fuq l-istadju ta' l-interrogazzjoni. Illi dan il-punt gie sostnut b'mod car fid-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ikkwotati mir-rikorrent stess. Apparti minn hekk wiehed irid iqis ukoll ic-cirkostanzi personali tal-akkuzat waqt it-tehid tal-istqarrija fosthom l-eta' u precedenti penali biex jigi analizzat kemm il-mankanza ta' avukat waqt l-istqarrija ta' John Attard ( li wara kollox kienet procedura regolari fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni) setghet twassal ghall-lezjoni tad-drittijiet tieghu;

(4) Illi kemm mill-premessi kif ukoll mill-atti processwali huwa manifest illi d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament id-dritt li jinghata assistenza legali fl-istadju tar-rilaxx ta' l-istqarrija, ma giex perikolat tul il-proceduri kollha;

(5) Illi fl-Artikolu 646(2) tal-Kap 9 huwa car li hemm eccezzjoni ghar-regola li x-xhieda ghandhom jinstemgu *viva voce* u dan fil-kaz li x-xhud ikun mejjet (bhal fil-kaz odjern), ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab. Illi l-esponenti f'dan ir-rigward jenfasizzaw il-fatt li kif diga gie rilevat aktar 'l fuq, li l-istqarrija tal-ko-akkuzat Guzeppi Farrugia kienet giet ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti apparti l-fatt li kienet ukoll tifforma parti mill-*proces verbal* u ghalhekk kella forza doppja tal-ligi. Apparti minn hekk peress li Guzeppi Farrugia kien ko-akkuzat mar-rikorrent meta kien ghadu haj, ma holoq l-ebda impediment procedurali waqt il-guri biex tinqara x-xhieda tieghu minhabba l-fatt li kien ikkonferma l-istqarrijiet tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti u kien mejjet fid-data meta effettivament ix-xhieda tieghu kienet rikjesta mill-ligi. Illi ghalhekk, mhux minnu assolutament kif qed jallega r-rikorrent li *"... kien erroneu ghall-imhallef li ppresjeda l-guri li awtorizza l-qari ta' din id-deposizzjoni lill-gurati..."*. Fil-fatt ma saret l-ebda oggezzjoni da parti tad-Difiza dwar dan l-hekk imsejjah 'nuqqas' fil-kors tal-guri. Inoltre,

minhabba l-fatt li Guzeppi Farrugia ma kienx f'posizzjoni li jixhed, seghet ikkawzat pregudizzju fil-konfront tal-prosekuzzjoni li ma tkunx f'posizzjoni li taghmel l-ezamijiet lix-xhud jew kwalunkwe kjarifiki li jista' jkun hemm bzonn, u ghalhekk l-argument tar-rikorrent li l-imsemmi artikolu tal-ligi jmur kontra l-jedd ghall-kontro-ezami tal-akkuzat ma treggix;

(6) Illi lanqas ma hu minnu dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti li l-Artikolu 646(2) (il-proviso) u l-Artikolu 550(1) tal-Kap 9 huma kontradittorji u per konsegwenza hemm mankanza ta' certezza tal-ligi stante li fiz-zewg artikoli tal-ligi huwa car ghal xhix qed jirreferu;

(7) Illi fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, ir-rikorrenti ma jistax jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li l-process gudizzjarju kollu in kwistjoni inkluz il-verdett tal-gurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali jigu annullati stante li dan mhux il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti u dan jista jsir biss minn Qorti ta' Gurisdizzjoni Penali li tgawdi gurisdizzjoni biex tevalwa l-validita' u l-amminissibilita tal-provi migjuba quddiemha fil-kawza

(8) Illi fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, huwa ma specifikax kif *se mai* l-Artikolu 550 (1) u l-proviso ta' l-Artikolu 646 (2) tal-Kap 9 huma allegatament *ultra vires* tal-Arikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jissottomettu li t-talbiet kif dedotti fir-rikors in risposta m'ghandhomx jigu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti stante li bl-ebda mod matul il-proceduri Kriminali in kwistjoni ma ingabu provi inammissibli kif qed jallega r-rikorrent u lanqas ma kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja."

Rat id-dokumenti kollha esibiti;

Semghet ix-xhieda viva voce;

Rat is-sottomissjonijiet bil-mikub  imressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li l-produzzjoni ta' stqarrijiet maghmulha minnu u deposizzjonijiet ta' xhieda ohra fil-proceduri Kriminali fil-konfront tieghu wasslu ghal-lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.  Ir-rikorrenti ghalhekk qed jitlob il-Qorti thassar ghal-kollox il-process gudizzjarju fil-konfront tieghu.

L-intimati, il-Prim Ministru u l-Avukat Generali l-ewwelnett jiddikjaraw illi l-Prim Ministru ma messux gie mharrek fil-kawza.  Inoltre, isostnu illi ma kien hemm ebda lezjoni ta' dritt ghal smiegh xieraq kif sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzzjoni u l-Art. 39 tal-kostituzzjoni.

Din il-Qorti tibda biex tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-intimati.  Tirreferi fil-kuntest ghall-Aritkolu 181B (2) tal-Kap. 12  li testwalment jipprovdi illi:

*L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-istess Prim Ministru gie mharrek inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizziju.

<u>Stqarrijiet</u>

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tibda biex ittenni li dak li effittivament tittutela l-Konvenzjoni, kif *del resto* taghmel ukoll il-Kostituzzjoni, huwa d-dritt fondamentali ghall-smiegh xieraq.  Madankollu, kif irriteniet ricentement il-Qorti Kostituzzjonali  fil-kawza 'Muscat vs Avukat Generali' (deciza fit-8 t' Ottubru, 2012):

*"ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi rregolarita, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq ingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet."*

Ghaldaqstant l-ezercizzju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju m'huwiex sempliciment li tirregistra n-nuqqas ta' ghajnuna legali waqt l-interrogazzjoni tar-rikorrenti. Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-fuq citata decizjoni:

*"li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghall-smiegh xieraq.

Sabiex tistabilixxi l-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smiegh xieraq, il-process fil-konfront tar-rikorrenti odjern irid jigi mifli fil-kompletezza tieghu w fic-cirkostanzi kollha tal-istess rikorrenti.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li r-rikorrenti rrilaxxa mal-pulizija zewg stqarrijiet. Fiz-zewg okkazzjonijiet huwa nghata t-twissija skont il-ligi fis-sens illi ma kienx obbligat li jwiegeb

ghad-domandi tal-pulizija jekk ma kienx jixtieq. Inoltre, il-Qorti tinnota wkoll li fiz-zmien meta r-rikorrenti odjern irrilaxxa l-istess stqarrijiet ma kienet twassal ghal ebda inferenza c-cahda tieghu li jwiegeb lill-pulizija.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll dwar l-atteggjament tal-istess rikorrenti waqt l-interrogatorju tieghu. F'hinijiet minnhom il-Qorti tinnota li l-interrogatorju iktar kien jixbah interrogatorju ta' John Attard lill-Pulizija milli vice-versa, tant ma kienx zvantaggat fis-sitwazzjoni.

Inoltre, l-istess stqarrija giet konfermata minn John Attard quddiem il-Magistrat Inkwerenti fis- 6 ta' Settembru 2002, meta quddiem il-Magistrat Inkwerenti huwa rega' spjega dwar l-involviment tieghu o meno fl-omicidju ta' Fortunata Spiteri. Huwa kkonferma wkoll l-awtenticita' tal-*cassette tapes* li fuqhom kien registrat l-interrogatorju tieghu quddiem l-istess Magistrat Inkwirenti.

Finalment ma jistax wiehed jinjora l-fatt ta' diversi xhieda ohra prodotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni. Xehed Benny Attard, li wkoll kien akkuzat bl-istess omicidju, xehdu diversi ufficjali tal-pulizija u nqrat ukoll stqarrija ta' Guzeppi Farrugia li kien miet fil-mori tal-proceduri.

<u>Stqarrija ta' Farrugia</u>

It-tieni lment ta' John Attard jirrigwarda l-istqarrijiet rilaxxati mix-xhud Guzeppi Farrugia lill-pulizija u x-xhieda moghtija lill-istess Magistrat Inkwerenti fejn ikkonferma l-istqarriiet tieghu bil-gurament. Peress illi x-xhud kien lahaq miet sakemm sar il-guri, l-istess xhieda nqrat fil-proceduri fil-konfront ta' Attard.

A tenur tal-Artikolu 646(2) tal-Kap 9, ix-xhieda ta' dan Guzeppi Farrugia inqrat waqt il-proceduri fil-konfront tar-rikorrenti odjern li issa qieghed jilmenta li l-fatt li ma setax jikkontrolla t-tehid tax-xhieda u jikkontro-ezamina lix-xhud wassal ghall-lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jittutela d-dritt ta' kull parti fi proceduri gudizzjarji li tezamina xhieda migjuba kontriha.

Fil-kuntest, kif irriteniet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza 'Jesper v. United Kindom' (deciza 16 ta' Frar, 2000):

*"The court reiterates that the principle of equality of arms is part of the wider concept of a fair hearing within the meaning of article 6(1) of the Convention. It requires a fair balance between the parties: each party must be afforded a reasonable opportunity to present their case under conditions that do not place them under a disadvantage vis-a-vis their opponent.*[2]

*It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and the defence.*[3]*"*

Madankollu fil-kawza 'Ferrantelli and Santangelo v. Italy' (deciza 7 t'Awwissu, 1996) il-Qorti Ewropea, wara li rribadiet 'il fuq imsemmi principju, f'kaz simili fejn wiehed mix-xhieda gie nieqes waqt il-proceduri, ma sabet ebda lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Intqal hekk:

*51. .........In addition, all the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use of statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 of Article 6 (art. 6-3-d, art. 6-1), provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either when he was making his statements or at a later stage of the proceedings (see, the Isgrò judgment cited above, p. 12, para. 34).*

[2] Gorriz Lizarraga and others v. Spain, ref number 62543/00 decided 27/04/2004
[3] Jasper v. United Kingdom, Grand Chamber, ref number 27052/95 decided 16/02/2000

*52. In this instance, even though the judicial authorities did not, as would have been preferable, organise a confrontation between all the accused during the twenty months preceding G.V.'s tragic death, they cannot be held responsible for the latter event.*[4]

Kompliet tghid hekk il-Qorti f'dak il-kaz:

*Furthermore, in its judgment of 6 April 1991, the Juvenile Section of the Caltanisetta Court of Appeal carried out a detailed analysis of the prosecution witness's statements and found them to be corroborated by a series of other items of evidence, such as the fact that all the accused had made statements implicating each other, the fact that the applicants had helped G.V. to buy and to transport the two gas bottles used in the attack on the barracks and the lack of a convincing alibi for either of the accused.*[5]

L-istess gara fil-kaz 'C.R.R. Scheper v. The Netherlands' (*admissibility decision,* 05/04/2005) fejn il-Qorti Ewropea sabet li l-applikazzjoni ma kienetx ammissibli ghaliex ma kienx kaz ta' negligenza li ma regghux tressqu xhieda li sussegwentement ma setghux jinstabu.

Fil-kaz in ezami l-impossibilita' tal-produzzjoni tax-xhud ma kienet htija ta' hadd. Ghaldaqstant, fuq skorta tal-fuq citati kazijiet, il-Qorti ma ssib ebda ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq bl-applikazzjoni tal-Artikolu 646(2) tal-Kap 9.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tillibera lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-Gudizzju, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti

L-ispejjez jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

[4] Ferrantelli and Santangelo v. Italy, ref number 19874/92 decided 07/08/1996
[5] Ferrantelli and Santangelo v. Italy, ref number 19874/92 decided 07/08/1996

---------------------------------TMIEM---------------------------------